KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.7.2007
KUMM(2007)413 finali

2007/0148(CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-ISFOND POLITIKU U LEGALI

L-importanza ta' djalogu dwar kwistjonijiet ta' viża, għar-Repubblika ta' l-Albanija kif ukoll għall-pajjiżi l-oħrajn kollha tal-Balkani tal-Punent, ġiet affermata mill-ġdid fil-konklużjonijiet tas-Samit UE-Balkani tal-Punent li sar f'Tessaloniki fil-21 ta' Ġunju 2003, li kkonferma wkoll il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Dwar il-kwistjonijiet ta' viża, l-"aġenda ta' Tessaloniki" kkonfermat li l-perspettiva dwar il-liberalizzazzjoni tal-viżi għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent hija għan fit-tul marbut mal-progress tal-pajjiżi involuti fl-implimentazzjoni ta' riformi ewlenin f'oqsma bħat-tisħiħ tas-sovranità tal-liġi, tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-migrazzjoni illegali u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tagħhom fil-kontroll fuq il-fruntieri u s-sigurtà tad-dokumenti.

Minħabba l-perspettiva Ewropea tal-pajjiż, l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' l-Albanija iffokaw l-interess tagħhom fuq il-possibbiltà li tinkiseb il-faċilitazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-viżi għaż-żjajjar qosra għaċ-ċittadini tagħha bħala pass immedjat u tranżizzjonali lejn it-tneħħija ta' l-obbligu tal-viża li tibqa' perspettiva fit-terminu l-medju.

Għall-Komunità Ewropea, il-ftehimiet tal-faċilitazzjoni tal-viża jirrappreżentaw strument ġdid fil-politika Ewropea dwar il-viżi għal żjajjar qosra: fil-**Programm ta' l-Aja,** il-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna jeżaminaw, bl-għan li jiżviluppaw strateġija komuni "jekk fil-kuntest tal-politika tal-KE ta' l-ammissjoni mill-ġdid ikunx opportun li jiġi ffaċilitat, f'kull każ għalih, il-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra lil persuni li għandhom nazzjonalità ta' pajjiżi terzi u fuq il-bażi tar-reċiprocità, bħala parti minn sħubija reali fir-relazzjonijiet esterni, inklużi fi kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni". L-UE żviluppat u wżat dan l-istrument għall-ewwel darba fir-relazzjonijiet tagħha mal-Federazzjoni Russa u ma' l-Ukraina.

F'Diċembru 2005, fuq il-livell ta' Coreper, l-Istati Membri ftehmu dwar strateġija komuni għall-iżvilupp tal-politika ta' l-UE dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi u identifikaw elementi ewlenin li għandhom jitqiesu meta ssir deċiżjoni li jinfetħu n-negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi ma' pajjiżi terzi.

Il-Ftehim KE-Repubblika ta' l-Albanija dwar l-Ammissjoni mill-Ġdid daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2006.

Wara l-awtorizzazzjoni li l-Kunsill ta lill-Kummissjoni fit-13 ta' Novembru 2006, in-negozjati mar-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-viżi għal żjajjar qosra nfetħu fi Brussel fl-1 ta' Diċembru 2006. Saru żewġ sessjonijiet oħrajn ta' negozjati fl-20 ta' Frar 2007 u fl-10 ta' April 2007 fi Brussell. Barra minn dan, in-negozjati formali kultant ġew ippreparati mil-laqgħat informali ta' l-esperti.

Fl-aħħar sessjoni formali fl-10 ta' April 2007, it-testi finali tal-ftehimiet tal-faċilitazzjoni tal-viża u ta' l-ammissjoni mill-ġdid ġew inizjalati fuq il-livell tekniku. Fuq il-livell politiku saret ċerimonja ta' l-inizjalar f'Żagreb fit-13 ta' April 2007.

Il-Kummissjoni Ewropea diġà nnegozjat ftehim tal-faċilitazzjoni tal-viża ma' żewġ pajjiżi terzi (mal-Federazzjoni Russa u ma' l-Ukraina). L-esperjenza miksuba f'negozjati preċedenti kienet siewja għan-negozjati mar-Repubblika ta' l-Albanija.

L-Istati Membri ġew mgħarrfa u kkonsultati b'mod regolari fil-gruppi u fil-kumitati ta' Ħidma tal-Kunsill rilevanti fl-istadji kollha tan-negozjati.

Min-naħa tal-Komunità, il-bażi legali tal-Ftehim huwa l-Artikolu 62(2)(b), flimkien ma' l-Artikolu 300 KE.

Il-proposti annessi jikkostitwixxu l-istrumenti legali biex jiġi ffirmat u konkluż il-Ftehim. Il-Kunsill jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata. Il-Parlament Ewropew se jkollu jiġi kkonsultat b'mod formali dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, skond l-Artikolu 300(3) KE.

Id-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni tistabbilixxi l-arranġamenti neċessarji interni għall-applikazzjoni prattika tal-Ftehim. B'mod partikolari tispeċifika li l-Kummissjoni Ewropea, mg ħejuna minn esperti mill-Istati Membri, tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Taħt l-Artikolu 12(4), il-Kumitat Konġunt jista' jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu stess. Il-pożizzjoni Komunitarja f'dan ir-rigward għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

Iċ-ċittadini Ewropej huma eżenti mill-obbligu tal-viża mir-Repubblika ta' l-Albanija. F'dan ir-rigward, l-abbozz tal-ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viża jgħid fl-Artikolu 1(2) li jekk ir-Repubblika ta' l-Albanija terġa' tintroduċi r-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini ta' l-UE, l-istess fa ċilitajiet mogħtija taħt il-ftehim liċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija japplikaw awtomatikament, fuq bażi ta' reċiproċità, għaċ-ċittadini ta' l-UE.

2. IR-RIŻULTAT TAN-NEGOZJATI

Il-Kummissjoni tqis li ntlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi tiegħu dwar negozjati u li l-abbozz tal-ftehim tal-faċilitazzjoni tal-viża huwa aċċettabbli għall-Komunità.

Il-kontenut finali tiegħu jista' jiġi mqassar kif ġej:

– Bħala prinċipju, għall-applikanti kollha għal viża, ikollha tittieħed deċiżjoni jekk tinħariġx vi ża jew le fi żmien għaxart ijiem tal-kalendarju. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż sa 30 jum tal-kalendarju meta hija meħtieġa analiżi ulterjuri. F'każijiet urġenti, il-perjodu biex tittieħed de ċiżjoni jista' jitnaqqas għal tlitt ijiem ta' xogħol jew inqas;

– Il-ħlas tal-viża biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet taċ-ċittadini Albaniżi għandha tammonta għal €35. Dan il-ħlas jiġi applikat għall-applikanti kollha għal viża Albaniżi u tikkonċerna viżi kemm ta' dħul wieħed kif ukoll ta' aktar minn dħul wieħed. Barra minn dan, xi kategorji ta' persuni jibbenefikaw minn rinunzja sħiħa tat-tariffa għall-viża: il-qraba, l-uffiċjali li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-gvern, l-istudenti, il-persuni li għandhom diżabilità, il-ġurnalisti, ir-rappreżentanti tal-komunitajiet reliġjużi, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, il-membri tal-professjonijiet, il-membri ta' ekwipaġġ tal-ferroviji, il-pensjonanti, it-tfal taħt l-età ta' 6 snin, il-każijiet umanitarji, is-sewwieqa li jwettqu s-servizzi tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija u tal-passiġġiera,u l-persuni li jipparteċipaw f'programmi xjentifiċi u kulturali ta' skambju edukazzjonali u avvenimenti ta' l-isport jew kulturali u l-persuni li ġew persegwitati politikament matul ir-reġim komunista;

– Id-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentat dwar l-għan tal-vjaġġ ġew semplifikati għal xi kategoriji ta' persuni: qraba fil-qrib, persuni fin-negozju, membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali, studenti, parteċipanti f'avvenimenti xjentifiċi, kulturali u ta' l-isport, ġurnalisti, persuni li jkunu ser jattendu difniet militari u ċivili, rappreżentanti tal-komunitajiet reliġjużi, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, membri tal-professjonijiet, ix-sewwieqa li jwettqu s-servizzi tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija u tal-passiġġiera, persuni li jżuru għal raġunijiet mediċi, turisti fi vjaġġi organizzati u persuni persegwitati politikament matul ir-reġim komunista. Għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jistgħu jintalbu biss id-dokumenti elenkati fil-ftehim biex jiġi ġġustifikat l-għan tal-vjaġġ. Ebda ġustifikazzjoni stedina jew validazzjoni oħra provduta mil-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri ma hija meħtieġa;

– Hemm ukoll kriterji simplifikati għall-ħruġ ta' viżi ta' dħul aktar minn darba għal dawn il-kategoriji ta' persuni li ġejjin:

a) għall-membri tal-Kunsill tal-Ministri, il-Parlament, il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Suprema, membri permanenti ta' delegazzjonijiet uffiċjali u miżżewġin u tfal li jżuru liċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri: viża valida sa ħames snin (jew inqas, limitata għall-perjodu tal-validità tal-mandat tagħhom jew ta' l-awtorizzazzjoni tagħhom ta' residenza legali);

b) il-parteċipanti f'programmi ta' skambju xjentifiċi u kulturali uffiċjali u f'avvenimenti ta' l-isport, il-ġurnalisti, persuni fin-negozju, rappreżentanti tal-komunitajiet reliġjużi, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, membri tal-professjonijiet, sewwieqa professjonali u ekwipaġġi tal-ferroviji, studenti u persuni li jżuru għal trattament mediku, kemm-il darba li matul is-sentejn ta' qabel għamlu użu tajjeb minn sena għad-dħul aktar minn darba u li r-raġunijiet tagħhom biex jitolbu viża ta' dħul aktar minn darba għadhom validi: tinħareġ viża valida għal mhux inqas minn sentejn u mhux aktar minn 5 snin;

– Iċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija li għandhom passaporti diplomatiċi validi huma eżentati mir-rekwiżit tal-viża għal żjajjar qosra;

– Iċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija li għandhom passaporti tas-servizz validi, il-Ftehimiet bilaterali ffirmati qabel l-1 ta' 1 Jannar 2007 jibqgħu jgħoddu għal żmien ta' 5 snin. Dikjarazzjoni annessa mal-Ftehim tipprovdi l-evalwazzjoni tas-sistema tal-passaporti tas-servizz mhux aktar tard minn 4 snin wara li jidħol fis-seħħ il-Ftehim;

– Ġie miftiehem protokoll li jgħid li l-Istati Membri li għadhom ma japplikawx għal kollox l-acquis ta' Schengen, jistgħu unilateralment jirrikonoxxu l-viżi u l-permessi ta' residenza ta' Schengen maħruġa lil ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija għall-għanijiet ta' tranżitu mit-territorju tagħhom skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 895/2006/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006[1]. Hija miżjuda riferenza għall-emenda futura tad-Deċiżjoni Nru 895/2006/KE biex jiġu koperti l-Bulgarija u r-Rumanija;

– hija mehmuża mal-Ftehim Dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-aċċess għall-informazzjoni mill-applikanti għall-viża u dwar l-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' l-informazzjoni għall-ħruġ tal-viżi għall-żjajjar qosra;

[1] ĠU L167, 20.6.2006, p.1.

– B'risposta għal talbiet speċifiċi li fformulat ir-Repubblika ta' l-Albanija, id-Dikjarazzjonijiet tal-Komunità Ewropea huma annessi mal-Ftehim dwar il-faċilitazzjonijiet għall-membri tal-familja (mhux koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jorbtu legalment) u għall-applikanti *bona fide*.

Għall-kwistjonijiet kollha mhux koperti mill-Ftehim ir-regoli normali ta' Schengen jew il-liġi nazzjonali jibqgħu jgħoddu, bħar-rifjut tal-viża, ir-rikonoxximent tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar, il-prova ta' mezzi ta' sussistenza suffiċjenti, il-possibbiltà li fil-każ ta' dubji l-applikanti jiġu mistiedna għal intervista personali f'każijiet individwali iżda wkoll fil-flessibbiltajiet diġà e żistenti għall-vjaġġaturi *bona fide*.

Is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Irlanda huma riflessi fil-preambolu u f'żewġ dikjarazzjonijiet konġunti mehmuża mal-Ftehim. L-assoċjazzjoni fil-qrib tal-Norveġja u ta' l-Iżlanda ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen bl-istess mod hija riflessa f'dikjarazzjoni konġunta għall-Ftehim.

3. IL-KONKLUŻJONIJIET

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill

– Jiddeċiedi li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem il-Komunità u jawtorizza lill-President tal-Kunsill ja ħtar lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità;

– japprova, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Ftehim anness bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(b)(i) u (ii), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-fa ċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra.

(2) In-negozjati għall-ftehim infetħu fit-13 ta' Diċembru 2006 u ġew konklużi fl-10 ta' April 2007.

(3) Bla ħsara għall-possibbli konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, il-Ftehim inizjalat fuq livell tekniku fi Brussell fl-10 ta' April 2007 u fuq livell politiku f'Zagreb fit-13 ta' April 2007, għandu jiġi ffirmat …..

(4) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, u l-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jie ħdux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhumiex marbuta minnha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(5) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma ti ħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhijiex marbuta minnha jew soġ ġetta għall-applikazzjoni tagħha

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

[2] ĠU C, p. .

L-Uniku Artikolu

Soġġett għal konklużjoni possibbli f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat jinnomina lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità, il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi g ħal żjajjar qosra u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fit-test tal-ftehim, il-Protokoll u d-dikjarazzjonijiet.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

2007/0148(CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubbika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(b)(i) u (ii), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4]

BILLI:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ewropea Ftehim mar-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra;

(2) Dan il-Ftehim ġie ffirmat, f'isem il-Komunità Ewropea, fl-…….2007 bla ħsara għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, skond id-Deċiżjoni ……../……/KE tal-Kunsill tal-[……]

(3) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat.

(4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt għall-ġestjoni tal-Ftehim, li jista' jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu. Huwa xieraq li tiġi kkontemplata proċedura semplifikata g ħall-istabbiliment tal-pożizzjoni Komunitarja f'dan il-każ.

(5) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, u l-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jie ħdux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhumiex marbuta minnha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma ti ħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk mhijiex marbuta minnha jew soġ ġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

[3] ĠU C…

[4] ĠU C…

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

L-Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika provduta fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim[5].

L-Artikolu 3

Il-Kummissjoni, assistita minn esperti mill-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' esperti stabbilit mill-Artikolu 12 tal-Ftehim.

L-Artikolu 4

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt ta' esperti dwar l-adozzjoni tar-regoli tal-proċedura tiegħu skond l-Artikolu 12(4) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

L-Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

[5] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill].

Anness

FTEHIM

bejn

il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija

dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-viża

IL-KOMUNITÀ EWROPEA minn hawn 'il quddiem imsejħa "*il-Komunità*";

u

IR-REPUBBLIKA TA' L-ALBANIJA,

Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Partijiet;

Filwaqt li kkunsidraw il-Fethim ta' l-Istabbilizzazzjoni u l-Assoċjazzjoni (SAA - *Stabilisation and Association Agreement*) bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija, iffirmat fit-12 ta' Ġunju 2006 u li bħalissa jirregola r-relazzjonijiet mar-Repubblika ta' l-Albanija;

Filwaqt li affermaw mill-ġdid l-intenzjoni li jikkooperaw mill-qrib fil-qafas ta' l-istrutturi e żistenti ta' l-SAA għal-liberalizzazzjoni tar-reġim tal-viżi bejn ir-Repubblika ta' l-Albanija u l-Unjoni Ewropea, skond il-konklużjonijiet tas-Samit UE-Balkani tal-Punent li sar f'Tessaloniki fil-21 ta' Ġunju 2003;

Filwaqt li jixtiequ, bħala l-ewwel pass konkret lejn ir-reġim ta' l-ivvjaġġar mingħajr viża, jiffa ċilitaw il-kuntatti bejn il-persuni bħala kondizzjoni importanti għall-iżvilupp kostanti ta' rabtiet ekonomiċi, umanitarji, kulturali, xjentifiċi u oħrajn, billi jiffaċilitaw il-ħruġ tal-viżi lil persuni ta' nazzjonalità tar-Repubblika ta' l-Albanija;

Filwaqt li jiftakru li mill-4 ta' Awissu 2000, iċ-ċittadini kollha ta' l-UE huma eżenti mir-rekwi żit ta' viża meta jivvjaġġaw lejn ir-Repubblika ta' l-Albanija għal żmien mhux itwal minn 90 jum matul kull perjodu ta' 180 jum jew jagħmlu tranżitu mit-territorju tar-Repubblika ta' l-Albanija;

Filwaqt li jagħrfu li jekk ir-Repubblika ta' l-Albanija kellha terġa' tintroduċi r-rekwiżit għaċ-ċittadini ta' l-UE, l-istess faċilitazzjonijiet mogħtija taħt dan il-ftehim liċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija japplikaw awtomatikament, fuq il-bażi ta' reċiproċità, għaċ-ċittadini ta' l-UE;

Filwaqt li jagħrfu li l-faċilitazzjoni tal-viża m'għandhiex twassal għall-migrazzjoni illegali u u b'attenzjoni speċjali għas-sigurtà u l-ammissjoni mill-ġdid;

Filwaqt li jikkunsidraw id-dħul fis-seħħ tal-ftehim bejn ir-Repubblika ta' l-Albanija u l-Kunsill tal-Komunità Ewropea dwar l-ammissjoni mill-ġdid ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni;

Filwaqt li jikkunsidraw il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, u l-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropa u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u jikkonfermaw li d-dispo żizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għar-Renju Unit u l-Irlanda;

Filwaqt li jikkunsidraw il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għar-Renju tad-Danimarka;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

L-Artikolu 1 – L-għan u l-ambitu ta' l-applikazzjoni

1. L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li jiffaċilita l-ħruġ ta' viżi għal waqfa ta' mhux aktar minn 90 jum matul perjodu ta' 180 jum liċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija.

2. Jekk ir-Repubblika ta' l-Albanija jerġa' jintroduċi r-rekwiżit ta' viża għaċ-ċittadini ta' l-UE jew għal xi kategoriji ta' ċittadini ta' l-UE, l-istess faċilitazzjonijiet mogħtija taħt dan il-ftehim liċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija awtomatikament, fuq il-bażi ta' reċiproċità, japplikaw għaċ-ċittadini ta' l-UE kkonċernati.

L-Artikolu 2 – Il-klawżola ġenerali

1. Il-faċilitazzjonijiet tal-viża provduti f'dan il-Ftehim għandhom japplikaw għal ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija biss sa fejn mhumiex eżentati mir-rekwiżiti ta' viża skond il-liġijiet u r-regolamenti tal-Komunità jew ta' l-Istati Membri, dan il-ftehim jew ftehimiet oħrajn internazzjonali.

2. Il-liġi nazzjonali tar-Repubblika ta' l-Albanija, ta' l-Istati Membri jew tal-Komunità g ħandha tgħodd għall-ħarġiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, b ħar-rifjut li tinħareġ viża, l-għarfien ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar, prova ta' mezzi suffiċjenti ta' sussistenza u r-rifjut tad-dħul u l-miżuri ta' tkeċċija.

L-Artikolu 3 – Id-definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim

a) "*Stat Membru*" għandha tfisser kwalunkwe Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, ħlief ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika ta' l-Irlanda u r-Renju Unit;

b) "*Ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea*" tfisser persuna ta' nazzjonalità ta' Stat Membru kif iddefinit fil-punt (a);

c) "*Ċittadin tar-Repubblika ta' l-Albanija*": tfisser persuna li għandha ċittadinanza Albaniża;

d) "*Viża*" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru jew deċiżjoni meħuda minn dan l-Istat li hija meħtieġa għal skopijiet ta' :

– dħul għal waqfa ppjanata f'dak l-Istat Membru jew f'bosta Stati Membri għal żmien mhux aktar minn 90 jum,

– dħul għal tranżitu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew bosta Stati Membri.

e) "*persuna li tirrisjedi legalment*" tfisser ċittadin tar-Repubblika ta' l-Albanija awtorizzat jew intitolat jbqa' aktar minn 90 jum fit-territorju ta' Stat Membru, fuq ba żi ta' leġiżlazzjoni Komunitarja jew nazzjonali.

L-Artikolu 4 – L-evidenza dokumentarja dwar l-għan tal-vjaġġ

1. Għal dawn il-kategoriji li ġejjin ta' ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija dawn id-dokumenti li ġejjin huma suffiċjenti biex jiġi ġġustifikat l-għan tal-vjaġġ lejn il-Parti l-oħra:

a) għall-membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lir-Repubblika ta' l-Albanija, għandhom jipparteċipaw f'laqgħat, konsultazzjonijiet negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti organizzati fit-territorju ta' l-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernamentali:

– ittra maħruġa minn awtorità tar-Repubblika ta' l-Albanija li tikkonferma li l-applikant huwa membru ta' delegazzjoni Albaniża li qed jivvjaġġa lejn it-territorju ta' l-Istati Membri biex jipparteċipa f'dawn l-avvenimenti imsemmija, flimkien ma' kopja ta' l-istedina uffiċjali;

b) għall-persuni fin-negozju u għar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet kummerċjali:

– talba bil-miktub minn persuna legali, kumpanija jew organizzazzjoni li qed tospita, jew uffiċċju jew fergħa ta' din il-persuna legali jew kumpanija, l-awtoritajiet ta' l-istat jew lokali ta' l-Istati Membri jew il-kumitati ta' l-organizzazzjoni tal-wirijiet kummerċjali u industrijali, konferenzi u simpożji organizzati fit-territorji ta' l-Istati Membri, approvata mill-Kamra tal-Kummerċ tar-Repubblika ta' l-Albanija;

c) għall-ġurnalisti:

– ċertifikat jew dokument ieħor maħruġ mill-organizzazzjoni professjonali, li jipprova li l-persuna kkonċernata hija ġurnalista kkwalifikata u dokument maħruġ minn min iħaddimha li jgħid li l-għan tal-vjaġġ huwa li jwettaq xogħol ġurnalistiku;

d) għal persuni li jieħdu sehem f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi ta' l-università u programmi oħrajn ta' skambju:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li qed tospita biex jieħdu sehem f'dawk l-attivitajiet;

e) għar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jagħmlu vjaġġi għall-iskopijiet ta' taħriġ edukazzjonali, seminars, konferenzi, inklużi fil-qafas ta' programmi ta' skambju:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li qed tospita, konferma li l-persuna qed tirrappreżenta lill-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u ċ-ċertifikat dwar l-istabbiliment ta' din l-organizzazzjoni mir-Reġistru rilevanti maħruġ minn awtorità ta' l-Istat skond il-liġi nazzjonali;

f) għat-tfal ta' l-iskola, l-istudenti, l-istudenti post-universitarji u l-għalliema li jakkumpanjawhom li jagħmlu vjaġġi għall-għanijiet ta' l-istudju jew taħriġ edukazzjonali, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju kif ukoll attivitajiet oħrajn relatati ma' l-iskola:

– talba bil-miktub jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni mill-università, akkademja, istitut, kulleġġ jew skola li qed jospitaw, jew karti ta' l-istudenti jew ċertifikati tal-korsijiet li se jattendu għalihom;

g) għall-parteċipanti f'avvenimenti internazzjonali ta' l-isport u l-persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li qed tospita: awtoritajiet kompetenti, federazzjonijiet nazzjonali ta' l-isport jew il-Kumitati Nazzjonali Olimpiċi ta' l-Istati Membri;

h) għall-parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' l-iskambju organizzati minn ibliet ġemellati:

– talba bil-miktub mill-Kap ta' l-Amministrazzjoni/mis-Sindku ta' dawn il-muni ċipalitajiet / l-ibliet;

j) għall-qraba – konjuġi, ulied (inklużi dawk adottati), ġenituri (inklużi l-kustodi), nanniet u neputijiet – li jżuru lil ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija li jirrisjedu legalment fit-territorji ta' l-Istati Membri:

– talba bil-miktub mill-persuna li tospita;

j) għal żjarat f'ċimiterji militari u ċivili:

– dokument uffiċjali li jikkonferma l-eżistenza u l-preservazzjoni tal-qabar kif ukoll ir-relazzjoni familjali jew oħra bejn l-applikant u l-l-persuna midfuna;

k) għall-persuni persegwitati politikament matul ir-reġim komunista fir-Repubblika ta' l-Albanija:

– iċ-ċertifikat maħruġ mill-Istitut għall-Integrazzjoni tal-Persuni Persegwitati skond l-Artikolu 3 tal-Liġi Nru 7748 tad-29.07.1993, li jindika l-istat ta' persuna bħala persuna persegwitata politikament matul ir-reġim komunista fir-Repubblika ta' l-Albanija u ittra ta' stedina minn awtorità kompetenti, organizzazzjoni nazzjonali jew internazzjonali inklużi NGO ta' Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet kif xieraq inkluż attivitajiet relatati ma' l-istatus tagħhom;

l) għas-sewwieqa li jwettqu servizzi internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri lejn it-territorji ta' l-Istati Membri f'vetturi rreġistrati fir-Repubblika ta' l-Albanija:

– talba bil-miktub minn kumpannija nazzjonali jew assoċjazzjoni (unjoni) ta' trasportaturi tar-Repubblika ta' l-Albanija li tipprovdi għat-trasport internazzjonali fuq l-art, li tipprova l-għan, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi;

m) għall-persuni li jivvjaġġaw għat-turiżmu :

– ċertifikat jew kupun mill-aġenzija ta' l-ivvjaġġar jew operatur turistiku akkreditat mill-Istati Membri fil-qafas tal-kooperazzjoni konsulari lokali li jikkonferma l-prenotazzjoni ta' vjaġġ organizzat;

n) għall-persuni li jżuru minħabba raġunijiet mediċi u l-persuni neċessarji biex jakkumpanjawhom:

– dokument uffiċjali mingħand l-istituzzjoni medika li jikkonferma n-neċessità ta' kura medika f'dik l-istituzzjoni, in-neċessità li wieħed ikun akkumpanjat, u prova ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jitħallas it-trattament mediku;

o) għall-membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożji, seminars jew avvenimenti oħrajn simili organizzati fit-territorju ta' l-Istati Membri:

– talba bil-miktub mill-organizzazzjoni li qed tospita li tikkonferma li l-persuna kkonċernata qed tipparteċipa fl-avveniment;

p) għall-membri ta' ekwipaġġ ta' ferroviji, refriġeraturi u lokomottivi fil-ferroviji internazzjonali li jivvjaġġaw lejn it-territorji ta' l-Istati Membri:

– talba bil-miktub mill-kumpannija kompetenti tal-ferroviji tar-Repubblika ta' l-Albanija li tispeċifika l-għan, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi;

q) għall-persuni li jżuru għal ċeremonji tad-dfin:

– dokument uffiċjali li jikkonferma l-fatt tal-mewt kif ukoll konferma tar-relazzjoni familjali jew oħra bejn l-applikant u l-persuna li ser tindifen;

r) għar-rappreżentanti tal-komunitajiet reliġjużi:

– talba bil-miktub mill-kap tal-komunità reliġjuża rreġistrata fir-Repubblika ta' l-Albanija, li tispeċifika l-għan, it-tul u l-frekwenza tal-vjaġġi.

2. It-talba bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun fiha dawn il-partikolaritajiet:

a) għall-persuna mistiedna – l-isem u l-kunjom, id-data tat-twelid, is-sess, iċ-ċittadinanza, in-numru tad-dokument ta' l-identità, iż-żmien u l-għan tal-vjaġġ, in-numru ta' dħul u fejn rilevanti, isem il-mara / raġel jew it-tfal li jakkumpanjaw lill-persuna mistiedna;

b) għall-persuna li tistieden – isem, kunjom jew indirizz; u

c) għall-persuna legali, kumpanija jew organizzazzjoni li tistieden – l-isem sħiħ u l-indirizz u

– jekk it-talba hija maħruġa minn organizzazzjoni, l-isem u l-pożizzjoni tal-persuna li tiffirma t-talba,

– jekk il-persuna li tistieden hija persuna legali jew kumpanija jew uffiċċju jew fergħa ta' din il-persuna legali jew kumpanija stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru, in-numru tar-reġistrazzjoni kif meħtieġ mil-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru kkon ċernat.

3. Għall-kategoriji ta' persuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, il-kategoriji kollha ta' viża huma maħruġa skond il-proċedura semplifikata mingħajr bżonn ta' xi ġustifikazzjoni, stedina jew validazzjoni oħra dwar l-għan tal-vjaġġ, provduta fil-leġi żlazzjoni ta' l-Istati Membri.

L-Artikolu 5 – Il-ħruġ ta' viżi ta' dħul aktar minn darba

1. Il-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu l-viżi ta' dħul aktar minn darba b'terminu ta' validità sa ħames snin lil dawn il-kategoriji ta' persuni:

a) membri tal-Kunsill tal-Ministri, il-Parlament, il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Suprema, fil-każ li mhumiex eżentati mir-rekwiżit ta' viża permezz ta' dan il-ftehim, fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħhom, b'terminu ta' validità limitat għat-terminu tal-ħatra tagħhom jekk dan huwa ta' inqas minn ħames snin;

b) membri permanenti tad-delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lir-Repubblika ta' l-Albanija, għandhom jipparteċipaw regolarment f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti organizzati fit-territorju ta' l-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernamentali;

c) konjuġi, ulied (inklużi adottati), ta' età taħt il-21 sena jew li huma dipendenti li jżuru liċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' l-Istati Membri b'terminu ta' validità limitat għat-terminu tal-validità ta' l-awtorizzazzjoni tagħhom għar-residenza legali.

2. Il-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu viżi b'terminu ta' validità sa sena lil dawn il-kategoriji ta' persuni, kemm-il darba matul is-sena ta' qabel ikunu kisbu għall-inqas viża waħda, użawha skond il-liġijiet dwar id-dħul u l-waqfien ta' l-Istat fejn saret iż-żjara u li hemm raġunijiet biex tintalab viża ta' dħul aktar minn darba:

a) membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lir-Repubblika ta' l-Albanija, għandhom jipparteċipaw b'mod regolari fil-laqgħat, fil-konsultazzjonijiet, fin-negozjati jew fil-programmi ta' skambju, kif ukoll bħal f'avvenimenti organizzati fit-territorju ta' l-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernamentali;

b) persuni fin-negozju u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet kummerċjali li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri;

c) persuni li jieħdu sehem f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi ta' l-università u programmi oħrajn ta' skambju, li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri;

d) parteċipanti f'avvenimenti internazzjonali ta' l-isport u l-persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

e) ġurnalisti;

f) parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' l-iskambju organizzati minn bliet ġemellati;

g) sewwieqa li jwettqu servizzi internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri lejn it-territorji ta' l-Istati Membri f'vetturi rreġistrati fir-Repubblika ta' l-Albanija;

h) persuni li jeħtieġu li jżuru regolarment għal raġunijiet mediċi u l-persuni meħtieġa li jakkumpanjawhom.

i) membri ta' ekwipaġġ ta' ferroviji, refriġeraturi u lokomottivi fil-ferroviji internazzjonali li jivvjaġġaw lejn it-territorji ta' l-Istati Membri;

j) studenti u studenti post-universitarji li jagħmlu vjaġġi regolari għall-għanijiet ta' l-istudju jew taħriġ edukazzjonali, inkluż fil-qafas ta' programmi ta' skambju;

k) rappreżentanti tal-komunitajiet reliġjużi fir-Repubblika ta' l-Albanija, li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri;

l) rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri għall-għanijiet ta' taħriġ edukazzjonali, seminars, konferenzi,

inkluż fil-qafas ta’ programmi ta’ skambju;

m) membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożji, seminars jew avvenimenti oħrajn simili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri.

3. Il-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu l-viżi ta' dħul aktar minn darba b'terminu ta' validità ta' mhux inqas minn sentejn u mhux aktar minn ħames snin lill-kategoriji ta' persuni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kemm-il darba matul is-sentejn ta' qabel għamlu użu mill-viżi ta' dħul aktar minn darba ta' sena skond il-liġijiet dwar id-dħul u l-waqfien ta' l-Istat fejn saret iżżjara u li r-raġunijiet biex tintalab viża ta' dħul aktar minn darba għadhom validi.

4. Il-perjodu totali tal-waqfien tal-persuni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu m'għandux ikun itwal minn 90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum fit-territorju ta' l-Istati Membri.

L-Artikolu 6 – Il-ħlasijiet biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għal viża

1. Il-ħlas biex tiġi pproċessata l-applikazzjoni għal viża taċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija għandu jammonta għal €35.

Dan l-ammont jista' jiġi rivedut skond il-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 14(4).

Jekk ir-Repubblika ta' l-Albanija terġa' tintroduċi r-rekwiżit tal-viża għaċ-ċittadini ta' l-UE, il-ħlas tal-viża li għandha titlob ir-Repubblika ta' l-Albanija m'għandux ikun aktar minn €35 jew l-ammont miftiehem jekk il-ħlas jiġi rivedut skond il-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 14(4).

2. Mhux dovut ħlas biex tiġi pproċessata l-applikazzjoni għal viża magħmula minn dawn il-kategoriji ta' persuni li ġejjin:

a) qraba – konjuġi, tfal (inklużi adottati), ġenituri (inklużi l-kustodi), nanniet u neputijiet li jżuru lil ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' l-Istati Membri;

b) membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali li, wara stedina uffiċjali indirizzata lir-Repubblika ta' l-Albanija, għandhom jipparteċipaw regolarment f'laqgħat, konsultazzjonijiet, negozjati jew programmi ta' skambju, kif ukoll f'avvenimenti organizzati fit-territorju ta' l-Istati Membri minn organizzazzjonijiet intergovernamentali;

c) membri tal-Kunsill tal-Ministri, tal-Parlament, tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Suprema, fil-każ li mhumiex eżentati mir-rekwiżit ta' viża permezz ta' dan il-ftehim;

d) tfal ta' l-iskola, l-istudenti, l-istudenti post-universitarji u l-għalliema li jakkumpanjawhom li jagħmlu vjaġġi għall-għanijiet ta' l-istudju jew taħriġ edukazzjonali;

e) tfal taħt l-età ta' 6 snin;

f) persuni b'diżabilità u l-persuna li takkumpanjahom, jekk meħtieġ;

g) persuni li ppreżentaw dokumenti li jippruvaw il-ħtieġa li jivvjaġġaw għal raġunijiet umanitarji, inkluż biex jirċievu trattament mediku urġenti u l-persuna li takkumpanjahom, jew li jattendu funeral ta' qraba, jew biex iżuru qraba li għandhom mard serju;

h) parteċipanti f'avvenimenti internazzjonali ta' l-isport u l-persuni li jakkumpanjawhom f'kapaċità professjonali;

i) persuni li jieħdu sehem f'attivitajiet xjentifiċi, kulturali u artistiċi, inklużi programmi ta' l-università u programmi oħrajn ta' skambju;

j) parteċipanti fi programmi uffiċjali ta' l-iskambju organizzati minn ibliet ġemellati;

k) persuni ppersegwitati politikament matul ir-reġim kommunista;

l) pensjonanti;

m) rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jivvjaġġaw biex jattendu laqgħat, seminars, ta' skambju jew korsijiet ta' taħriġ;

n) ġurnalisti;

o) rappreżentanti tal-komunitajiet reliġjużi rreġistrati fir-Repubblika ta' l-Albanija;

p) sewwieqa li jwettqu servizzi internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri lejn it-territorji ta' l-Istati Membri f'vetturi rreġistrati fir-Repubblika ta' l-Albanija;

q) membri ta' ekwipaġġ ta' ferroviji, refriġeraturi u lokomottivi fil-ferroviji internazzjonali li jivvjaġġaw lejn it-territorji ta' l-Istati Membri;

r) membri tal-professjonijiet li jipparteċipaw f'wirjiet internazzjonali, konferenzi, simpożji, seminars jew avvenimenti oħrajn simili li jivvjaġġaw b'mod regolari lejn l-Istati Membri.

L-Artikolu 7 – It-tul tal-proċeduri biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għal viża

1. Il-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu deċiżjoni dwar it-talba biex tinħareġ viża fi żmien 10 jiem tal-kalendarju mid-data minn meta jirċievu l-applikazzjoni u d-dokumenti meħtieġa biex tinħareġ il-viża.

2. Il-perjodu biex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni għal viża jista' jiġi estiż sa mhux aktar minn 30 jum tal-kalendarju f'każijiet individwali, b'mod partikolari meta hija meħtieġa analiżi ulterjuri ta' l-applikazzjoni.

3. Il-perjodu biex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni għal viża jista' jitnaqqas għal 3 ijiem jew inqas f'każijiet urġenti.

L-Artikolu 8 – It-tluq fil-każ ta' dokumenti mitlufa jew misruqa

Iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika ta' l-Albanija li tilfu d-dokumenti ta' l-identità tagħhom, jew li nsterqu mingħandhom dawn id-dokumenti waqt li kienu fit-territorju tar-Repubblika ta' l-Albanija jew ta' l-Istati Membri, jistgħu jitilqu minn dak it-territorju fuq ba żi ta' dokumenti ta' l-identità validi li jintitolawhom jaqsmu l-fruntiera maħruġa mill-missjonijiet diplomatiċi jew il-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri jew tar-Repubblika ta' l-Albanija mingħajr ebda viża jew awtorizzazzjoni oħra.

L-Artikolu 9 – L-estensjoni tal-viża f'ċirkostanzi eċċezzjonali

Iċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija li m'għandhomx possibbiltà jitilqu mit-territorju ta' l-Istati Membri fiż-żmien indikat fil-viża tagħhom għal raġunijiet ta' *force majeure* għandu jkollhom it-terminu tal-viża tagħhom estiż mingħajr ħlas skond il-leġiżlazzjoni applikata mill-Istat li qed jilqa', għall-perjodu meħtieġ biex imorru lura fl-Istat tar-residenza tagħhom.

L-Artikolu 10 – Il-passaporti diplomatiċi

1. Iċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija li għandhom passaport diplomatiku validu jistgħu jidħlu, joħorġu jew jagħmlu tranżitu mit-territorju ta' l-Istati Membri mingħajr viża.

2. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu joqogħdu fit-territorju ta' l-Istati Membri għal perjodu mhux itwal minn 90 jum ghal kull perjodu ta' 180 jum.

L-Artikolu 11 – Il-validità territorjali tal-viżi

Bla ħsara għar-regoli u r-regolamenti nazzjonali dwar is-sigurtà nazzjonali ta' l-Istati Membri u bla ħsara għar-regoli ta' l-UE dwar il-viżi li għandhom validità territorjali limitata, iċ-ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija għandhom ikunu intitolati jivvjaġġaw fit-territorju ta' l-Istati Membri fuq bażi ugwali maċ-ċittadini ta' l-UE.

L-Artikolu 12 – Il-Kumitat Konġunt għall-Ġestjoni tal-Ftehim

1. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu Kumitat Konġunt ta' esperti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat"), kompost minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u tar-Repubblika ta' l-Albanija. Il-Komunità għandha tkun irrappreżentata mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, assistita minn esperti mill-Istati Membri.

2. Il-Kumitat għandu, b'mod partikolari, jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(b) jissuġġerixxi emendi jew żjiediet għal dan il-Ftehim;

(c) jirriżolvi t-tilwimiet li jqumu mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispo żizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Kumitat għandu jiltaqa' kull fejn huwa meħtieġ, fuq talba minn waħda mill-Partijiet u għall-inqas darba f'sena.

4. Il-Kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tiegħu stess.

L-Artikolu 13 – Ir-Relazzjoni ta' dan il-Ftehim ma' Ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u r-Repubblika ta' l-Albanija

1. Sa minn meta jidħol fis-seħħ, dan il-Ftehim għandu jieħu preċedenza fuq dispo żizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim jew arranġament bilaterali jew multilaterali konkluż bejn Stati Membri individwali u r-Repubblika ta' l-Albanija, sa fejn id-dispo żizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet jew arranġamenti jkopru kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri individwali u r-Repubblika ta' l-Albanija ffirmati qabel l-1 ta' Jannar 2007 li jipprovdu għall-eżenzjoni lid-detenturi ta' passaporti tas-servizz mir-rekwiżit ta' viża, g ħandhom ikomplu jgħoddu għal perjodu ta' 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri kkonċernati jew tar-Repubblika ta' l-Albanija li jiddenunzjaw jew jissospendu dawn il-ftehimiet bilaterali matul dan il-perjodu ta' 5 snin.

L-Artikolu 14 – Il-klawżoli finali

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet skond il-proċeduri rispettivi tagħhom u għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara t-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri msemmija hawn fuq tlestew.

2. Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu ta' żmien indefinit, kemm-il darba ma jintemmx skond il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bi ftehim bil-miktub tal-Partijiet. L-emendi g ħandhom jidħlu fis-seħħ wara li l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li tlestew il-pro ċeduri interni meħtieġa għal dan l-iskop.

4. Kull Parti tista' tissospendi dan il-Ftehim kollu, jew partijiet minnu, għal raġunijiet ta' ordni pubblika, il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew protezzjoni tas-saħħa pubblika. Id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel ma tidħol fis-seħħ. Il-Parti li ssospendiet l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha minnufih tgħarraf lill-Parti l-oħra ladarba r-ra ġunijiet għas-sospensjoni m'għadhomx japplikaw.

5. Kull Parti tista' tittermina dan il-Ftehim billi tavża lill-Parti l-oħra bil-miktub. Dan il-Ftehim għandu jieqaf milli jkun fis-seħħ 90 jum wara d-data ta' dan l-avviż.

Magħmul fi XXX fl- XXX f'żewġ oriġinali f'kull waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet, u kull wieħed minn dawn it-testijiet huwa awtentiku indaqs.

Għall-Komunità Ewropea *Għar-Repubblika ta' l-Albanija*

ANNESS

IL-PROTOKOLL GĦALL-FTEHIM DWAR L-ISTATI MEMBRI LI MA JIMPLIMENTAWX GĦALL-KOLLOX L-ACQUIS TA' SCHENGEN

Dawk l-Istati Membri li huma marbuta mill-acquis ta' Schengen iżda li għadhom ma joħorġux il-viżi ta' Schengen, filwaqt li jistennew id-deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill f'dan is-sens, g ħandhom joħorġu viżi nazzjonali li l-validità tagħhom hija limitata għat-territorju tagħhom stess.

Dawn l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu unilateralment il-viżi ta' Schengen u l-permessi ta' residenza għat-tranżitu mit-territorju tagħhom, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 895/2006/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006.

Ladarba d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 895/2006/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 ma tgħoddx għar-Rumanija u l-Bulgarija, il-Kummissjoni Ewropea se tipproponi dispożizzjonijiet simili biex dawn il-pajjiżi jistgħu jirrikonoxxu unilateralment il-viżi u l-permessi tar-residenza ta' Schengen u dokumenti oħrajn simili maħruġa minn Stati Membri oħrajn li għadhom mhux integrati għal kollox fiż-żona ta' Schengen għall-iskopijiet ta' tranżitu mit-territorju tagħhom.

ID-DIKJARAZZJONI KONĠUNTA FIR-RIGWARD TAD-DANIMARKA

Il-Partijiet jinnutaw li dan il-Ftehim ma jgħoddx għall-proċeduri tal-ħruġ ta' viżi minn missjonijiet diplomatiċi u postijiet konsulari tar-Renju tad-Danimarka.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa mixtieq li l-awtoritajiet tad-Danimarka u tar-Repubblika ta' l-Albanija jikkonkludu, mingħajr dewmien, ftehim bilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra f'termini simili bħall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija.

ID-DIKJARAZZJONI KONĠUNTA FIR-RIGWARD TAR-RENJU UNIT U L-IRLANDA

Il-Partijiet jinnutaw li dan il-Ftehim ma jgħoddx għat-terrritorju tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa mixtieq li l-awtoritajiet tar-Renju Unit, ta' l-Irlanda u tar-Repubblika ta' l-Albanija jikkonkludu bilaterali dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi.

ID-DIKJARAZZJONI KONĠUNTA FIR-RIGWARD TA' L-IŻLANDA U N-NORVEĠJA

Il-Partijiet jinnutaw ir-relazzjoni qrib bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja u l-Iżlanda, b'mod partikolari bis-saħħa tal-Ftehim tat-18 ta' Mejju 1999 dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn il-pajjiżi ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa mixtieq li l-awtoritajiet tan-Norveġja, ta' l-Iżlanda u tar-Repubblika ta' l-Albanija jikkonkludu, mingħajr dewmien, ftehimiet bilaterali dwar il-fa ċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra f'termini simili bħall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija.

ID-DIKJARAZZJONI KONĠUNTA FIR-RIGWARD TAL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA U L-LIECHTENSTEIN (*jekk meħtieġ*)

Jekk il-Ftehim bejn l-UE, il-KE u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen u l-Protokolli ta' dan il-Ftehim dwar il-Liechtenstein jkun daħal fis-seħħ saż-żmien li jiġu konklużi n-negozjati mar-Repubblika ta' l-Albanija, issir ukoll dikjarazzjoni simili fir-rigward ta' l-Iżvizzera u l-Liechtenstein.

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-AĊĊESS TA' L-APPLIKANTI GĦAL VIŻA U L-ARMONIZZAZZJONI TA' L-INFORMAZZJONI DWAR IL-PROĊEDURI GĦALL-ĦRUĠ TA' VIŻI GĦAL ŻJAJJAR QOSRA U D-DOKUMENTI LI GĦANDHOM JIĠU SOTTOMESSI META SSIR APPLIKAZZJONI GĦAL VIŻI GĦAL ŻJAJJAR QOSRA

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tat-trasparenza għall-applikanti għal viża, il-Komunità Ewropea tfakkar li l-proposta leġiżlattiva dwar il-bixra ġdida ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ġiet adottata fid-19 ta' Lulju 2006 mill-Kummissjoni Ewropea u tindirizza l-kwistjoni tal-kondizzjonijiet ta' l-aċċess mill-applikanti għal viża, għall-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri.

Dwar l-informazzjoni li għandha tiġi provduta lill-applikanti għal viża, il-Komunità Ewropea tqis li għandhom jittieħdu miżuri xierqa:

– B'mod ġenerali, biex titfassal l-informazzjoni bażika għall-applikanti dwar il-proċeduri u l-kondizzjonijiet biex issir l-applikazzjoni għal viża u dwar il-validità tagħhom.

– Il-Komunità Ewropea ser tniedi lista ta' rekwiżiti minimi sabiex tiżgura li l-applikanti mill-Albanija jingħataw informazzjoni bażika koerenti u uniformi u huma meħtieġa jissottomettu, bħala prinċipju, l-istess dokumenti ta' appoġġ.

L-informazzjoni msemmija hawn fuq, inkluża l-lista ta' aġenziji ta' l-ivvjaġġar u operaturi turistiċi akkreditati fil-qafas tal-kooperazzjoni konsulari lokali għandha tiġi mxerrda b'mod wiesa' (fuq it-tabelli ta' tagħrif tal-konsulati, fil-fuljetti, fuq siti web, eċċ.).

Il-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-possibbiltajiet eżistenti taħt l-acquis ta' Schengen għall-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-viżi għal żjajjar qosra f'kull każ għalih u b'mod partikolari għall-applikanti *bona fide*.

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR IR-REVIŻJONI TAR-REKWIŻIT TAL-VIŻA GĦAL DAWK LI GĦANDHOM PASSAPORTI TAS-SERVIZZ

Ladarba l-eżenzjoni tad-detenturi ta' passaporti tas-servizz mir-rekwiżit ta' viża mir-rekwiżit ta' viża provduta fi ftehimiet jew arranġamenti bilaterali bejn l-Istati Membri individwali u r-Repubblika ta' l-Albanija li ġew iffirmati qabel l-1 ta' Jannar 2007 għandhom jgħoddu biss għal 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri kkonċernati jew ir-Repubblika ta' l-Albanija li jiddenunzjaw jew jissospendu dawn il-ftehimiet bilaterali matul dan il-perjodu ta' 5 snin, il-Komunità Ewropea se terġa' tevalwa s-sitwazzjoni tad-detenturi tal-passaporti tas-servizz mhux aktar tard minn 4 snin wara li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, bl-għan ta' possibbli emenda tal-Ftehim f'dak is-sens skond il-proċedura kkontemplata fl-Artikolu14(4).

ID-DIKJARAZZJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR IL-FAĊILITAZZJONIJIET GĦALL-MEMBRI TAL-FAMILJA U GĦALL-APPLIKANTI BONA FIDE

Il-Komunità Ewropea tinnota s-suġġeriment tar-Repubblika ta' l-Albanija li tagħti definizzjoni usa' tal-kunċett tal-membri tal-familja li għandhom jibbenefikaw minn faċilitazzjoni ta' viża kif ukoll dwar l-importanza li tagħti r-Repubblika ta' l-Albanija lis-semplifikazzjoni tal-moviment ta' din il-kategorija ta' persuni.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-mobilità ta' għadd estiż ta' persuni li għandhom konnessjonijiet famlijarji (b'mod partikolari l-aħwa u wliedhom) ma' ċittadini tar-Repubblika ta' l-Albanija li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' l-Istati Membri, il-Komunità Ewropea tistieden lill-uffiċċji konsulari ta' l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet eżistenti fl-"acquis communautaire" biex jiġi ffaċilitat il-ħruġ ta' viżi lil din il-kategorija ta' persuni, inkluż b'mod partikolari, is-semplifikazzjoni ta' l-evidenza dokumentarja mitluba għall-applikanti, e żenzjonijiet mit-tariffi ta' l-ipproċessar u fejn xieraq il-ħruġ ta' viżi ta' dħul aktar minn darba.

Barra minn dan, il-Komunità Ewropea tistieden ukoll lill-uffiċċji konsulari ta' l-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minn dawn il-possibbiltajiet għall-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi lill-applikanti bona fide.

***